# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD



**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
**www.parroċċaburmarrad.com**
**email:parbur@waldonet.net.mt**



## *LEĦEN IL-PARROĊĊA - FRAR 2010 - NRU. 330*


Il-Paċi tal-Mulej magħkom

Għeżież is-sena 2010 għalina l-parruċċani ta' Burmarrad hija sena ta' grazzja! Għaliex imiss lilna wkoll bħal kull parroċċa oħra li nilqgħu fostna r-ragħaj tad-djoċesi tagħna, lil Mons Pawl Cremona. Il-vista pastorali kellha ssir f'Jannar imma minħabba ċirkustanzi issa ser issir fi Frar ix-xahar fejn kull Malti jfakkar il-miġja ta' Missierna San Pawl, fejn għalina ġewwa Burmarrad hija ukoll festa għżiża għaliex kif tafu li San Pawl ġie fir-raħal tagħna.

Tajjeb għalhekk inħeġġeg lil kull wieħed u waħda minnkom biex nieħdu sehem attiv fl-attivitajiet li sejrin isiru fil-parroċċa meta' sejjer jkun hawn l-Arċisqof. Il-parroċċa la titmexxa weħidha u l-anqas mhi l-ġebel tal-knisja imma ftakar li parroċċa hija **inti** u dan li jagħmel verament parroċċa ħajja meta kull wieħed minna jagħti is-sehem tiegħu kif jista' bil-limitazzjonijiet tiegħu.

Tajjeb li nirriflettu li kulħadd huwa importanti u dispensabli anke l-inqas wieħed. Min jagħti ħafna u forsi x-xogħol tiegħu jidher u min jagħti ftit li wkoll u ħafna drabi x-xogħol tiegħu ma jidhirx, imma huwa importanti daqs dak li jagħti ħafna. Nistgħu insemmu l-parabbola ta' Ġesu' meta Sid l-għalqa tad-dwieli filgħodu kmieni qabbad xi ħaddiema jaħdmu, fid-disa' ukoll, reġa qabbad f'nofs inhar imbgħad ukoll iżjed tard imma s-sabiħ li kulħadd ngħata l-istess ħlas għaliex Alla ma jagħmilx preferenzi magħna.

Din is-sena ukoll qegħdin naħdmu fuq żewg proġetti, wieħed huwa ċ-Ċentru li huwa ħafna bżonjuż fil-parroċċa tagħna, li din is-sena għandu jkun lest, kif ukoll l-istatwa ta' mal-faċċata ta' barra l-knisja. Min-naħa tiegħi nqishom li huma żewġ proġetti importanti u li jiena nixtieq inwettaq, dejjem għal ġid tal-parroċċa tagħna. Meta ngħid tagħna għaliex jiena inħossni wieħed minnkom u tajjeb li intom ukoll tħossu l-istess. Dawn iż-żewġ proġetti naħdmu flimkien għalihom għaliex mhux biss se ingawduhom aħna imma ukoll se jgawduhom uliedkom. Diġa għandha ħafna volontiera li qegħdin jgħinu f'diversi xogħoijiet u għandna bżonn aktar, ħalli nwettqu dawn iż-żewġ proġetti. Hija ħolma li jiena ħlomt meta wasalt Burmarrad u diġa bdejt it-tielet sena tiegħi, iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd. Għalhekk ejjew flimkien inwettqu din il-ħolma f'realta'. Min-naħa tiegħi bdejt, issa jmiss lilek ukoll li inti tagħti sehmek kif tista' u bli tista'!

Tkunu mberkien

P. Donald M. Bellizzi Ofm. Conv.

## *Ħsieb Spiritwali*

# ***PAWLU – Missjunarju u Evanġelista***

}afna jgħidu, u bir-raġun, li wara Ġesu', Pawlu kien l-aktar figura influwenti fl-iżvilupp u t-tixrid tal-Kristjaneżmu. Pawlu kien persuna straordinarja, l-istilla ta' l-Atti ta' l-Appostli. Twieled fis-sena 5 Wara Kristu. Oriġinarjament kien jismu Sawl, eżattament tinqara' Xaul. Twieled f'Tarsu, fejn illum hemm it-Turkija. Kien Lhudi mit-tribu' ta' Benjamin, imma ċittadin ukoll ta' Ruma. Kien student intelliġenti tal-filosofija u tal-letteratura Griega. Bagħtuh Ġerusalemm biex jistudja taħt idejn Gamaljel, Rabbi għaref ħafna. Kien jistudja l-liġi, il-profeti u t-tradizzjonijiet tal-Gudaiżmu, ir-reliġjon tal-Lhud. Kien akkanit ħafna għar-reliġjon Lhudija u t-tradizzjonijiet tagħha. Pawlu kien kburi ħafna li kien Lhudi. Dan iż-żmien kien madwar is-sena 30 Wara Kristu.

Imma kien hemm xi ħaġa li lil Sawl kienet qed iddejjqu bis-serjeta'. Sawl kien inkwetat ħafna. Għaliex? Kien qed jinkwetah il-Moviment Kristjan li kien qed jinbet fost il-Lhud, fost il-poplu tiegħu. Dawn kienu qegħdin igħidu li dak il-kriminal li kien maqtul fuq is-salib...x'kien jismu?....Gesu', dak kien il-Messija li tant kien ilhom jistennew. Din kienet tinkwetah bil-kbir lil Sawl. Kieku l-Messija kien xi ħadd bħal Mose' jew David, xi mexxej jew re kbir, kieku tasal li temminhom, imma kriminal imsallab ma' salib? Mela qed jiġġennu jew! Sawl għamilha l-missjoni tiegħu li jħarbat lil dawn il-komunitajiet Kristjani li kienu qed jitwieldu. Kien preżenti fil-martirju brutali ta' l-ewwel martri Kristjan, Stiefnu. Kien idur id-djar u jkaxkar lil Kristjani 'l barra, jorbothom bil-ktajjen u jitfagħhom il-ħabs. Sawl kien qed jippersegwita bil-kbir lil Knisja, u din il-missjoni kien qed joħodha b'serjeta' kbira.

Fis-sena 35 Wara Kristu, Saul telaq lejn Damasku, fejn sema' li kienet twieldet komunita' Kristjana oħra, biex jeqridha. Fit-triq, ġrat xi ħaġa ta' l-għaġeb, li hu stess isemmiha diversi drabi fil-kitbiet tiegħu.
Ra dawl u sema' leħen. ***"Saul, Saul, għalfejn qiegħed tippersegwitani?"***

Hu wieġeb: “Min inti?” U t-tweġiba kienet ***“Jiena Ġesu’ li inti qed tippersegwita.”***

Din żgur qatt ma stennieha Sawl. Dak il-kriminal maqtul u mdendel mas-salib kien qed jidhirlu u jkellmu personalment! Ma setax jara u kellhom idaħħluh Damasku.  Ħajtu nqalbet ta’ taħt fuq. X’għadda minn moħħu f’dawk it-tlett ijiem ta’ dlam? Ġesu’ kien kellmu personalment! Issa kollox inbidel. Kollox ħa tifsira ġdida. Il-Mulej bagħatlu lil Hananija, dixxiplu Kristjan, biex ifejjqu. Hananija ma xtaqx jiltaqa’ ma’ Sawl, għax beża’ minnu, imma obda. Sawl waqgħulu l-qxur minn għajnejh u beda jara ċar. Tgħammed minn Hananija. U beda jevanġelizza mill-ewwel. Mill-persekuzzjoni għadda għall-predikazzjoni. ***“Ħażin għalija jekk ma nxandarx il-Vanġelu”,*** igħid f’waħda mill-ittri tiegħu.

Pawlu kien iżur ħafna s-sinagogi tal-Lhud. Kien jemmen li la Kristu kien Lhudi u l-Messija mistenni minnhom, il-Lhud messhom ikunu minn ta’ l-ewwel li jifhmu u jaċċettaw l-aħbar it-tajba. Fil-fatt, uħud minnhom kienu jemmnu u minn dawn il-Lhud bdew l-ewwel komunitajiet insara.

Pawlu għadda ħajtu jxandar lil Kristu mqajjem mill-mewt. Ivvjaġġa l-bogħod, kien arrestat u imsawwat ħafna drabi, ra l-għarqa u ħabbat wiċċu ma kull xorta ta’ periklu. Fl-aħħar arrestawh u ħaduh Ruma, fejn ħa l-martirju taħt il-persekuzzjoni ta’ Neruni.

Il-messaġġ ta’ Pawlu fl-ittri tiegħu lill-ewwel insara għadu jidwi lilna llum.
***“Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta’ Alla”. “Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru Messija msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi, iżda għal dawk li huma msejħin, Kristu huwa l-qawwa ta’ Alla u l-għerf ta’ Alla. Għax il-bluha ta’ Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta’ Alla hija aqwa mill-bnedmin.”*** (1 Kor 1,18,22)

Grazzi Mulej talli ftakart f’din id-daqsxejn ta’ gżira u bgħattilha lill-appostlu tal-ġnus. Tħalliniex nitwarrbu mit-toroq mimlija mħabba tiegħek lejna. Tħalliniex infasslu pjanijiet li m’humiex parti mir-rieda tiegħek għalina u għal pajjiżna. Tħalliniex nitbiegħdu mit-tagħlim li għaddielna San Pawl.

# DJARJU FRAR

**It-Tnejn 1** : Laqgħa kumitat Festa fit-8.15pm fis-sala tal-Kunvent

**It-Tlieta 2** : **Il-Presentazzjoni ta' Ġesu'** (Gandlora) Quddiesa bil-ħsieb u sehem tal-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

**L-Erbgħa 3** : It-Tieni laqgħa fuq is-Sagramenti għal-Kulħadd, importanti l-ġenituri li għandhom it-tfal jattendu id-dutrina. Ħin 4.30pm jipriedka P. George Zammit Ofm Conv.

**Il-Ħamis 4** : Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu. Tluq minn fejn iz-zuntier fit- 3.00pm.

**Is-Sibt 6 :** 5.30pm - Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lil Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb Bla tebgħa ta' Marija. Jannimaw il-membri tal-Legjun ta' Marija u Ċenaklu.

**L-Erbgħa 10** : Festa ta' Missierna San Pawl: 9.00am Manifestazzjoni mill-Scouts u Purċissjoni bil-Kwadru ta' San Pawl mill-Parroċċa għall-Kappella ta' San Pawl Milqi, fejn tinxtgħel il-Ħuġġieġa u jinqraw xi poeżiji. 10.00am Qudiesa fl-istess Kappella, animata mil-kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija. Jipriedka P. Thomas Calleja Ofm Conv. F'dan il-jum stess issir Maratona tal-Liedna. Kulħadd huwa imħeġġeġ jattendi u jagħti s-sehem tiegħu f'din l-attivita għall-Parroċċa.

**Il-Gimgħa 12 :** Lectio Divina. Wara l-Quddiesa ta' Filgħaxija.

**Il-Ħadd 14 :** 10.30 am Laqgħa Grupp Familji Insara, fis-sala tal-Kunvent.

**It-Tnejn 15** : Karnival: Ħarġa għat-tfal tal-Parroċċa dawk bejn il-5 snin u 11 il-sena. 8.30am Quddiesa u wara nibqgħu ħerġin.

**It-Tlieta 16 :** Party tal-Karnival għat-tfal tal-Parroċċa dawk bejn it-3 snin u 11 il-sena fis-sala fejn il-bitħa tal-Kunvent.

**L-Erbgħa 17** : **L-Erbgħa tal-Irmied, jum ta' sawm** (għal dawk bejn it-18 u 59 sena) u astinenza (għal dawk minn 14 il-sena l-fuq). Tajjeb li tfal ukoll ngħinuhom jagħmlu xi tip ta' sagrifiċċju. F'kull Quddiesa ikun hemm iċ-ċelebrazzjoni tat-tqiegħid tal-Irmied.

## Rokna għat-Tfal - Frar 2010

Ħellow tfal ! Qed nerġgħu niltaqgħu għax reġa' beda xahar ieħor. Dan ix-xahar iġib miegħu diversi festi.

Nibdew b'dik ta' l-**10 ta' Frar**. F'dan il-jum niċċelebraw il-**festa ta' San Pawl**. Infakkru l-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta. Il-Maltin kienu laqgħuh ħafna. Hu kien għallem lill-Maltin dwar Ġesu'. In-nies ta' din il-gżira saru nsara billi bdew jitgħammdu u bdew isejħu lil dan il-qaddis, "Missierna." Wara l-festa ta' San Pawl, ser niċċelebraw ħamest ijiem ta' briju – il-**Karnival**. F'dawn il-ġranet ħafna tfal u kbar jilbsu kostumi ta' kull lewn. Kulħadd jiddeverti, jiekol u jixrob aktar mis-soltu. Tafu għalfejn tfal? Dan għaliex l-għada li jispiċċa l-Karnival, il-Knisja tiċċelebra **Ras Ir-Randan**. F'din il-ġurnata l-adulti jsumu (ji ġifieri jagħmlu sagrifiċċju u ma jiklux laħam u ħlewwiet). Għad hawn nies li meta jsumu jieħdu ħobż u ilma biss. F'Ras ir-Randan, li dejjem tkun il-ġurnata ta' L-Erbgħa, ħafna nies u tfal imorru l-Knisja u f'din il-ġurnata l-qassis jagħmlilhom l-irmied f'forma ta' salib fuq rashom. Hekk kif jagħmel dan jgħid, "Trab kont u trab trid terġa' ssir." B'hekk ifakkarna li

- l-mewt tiġi fuq kulħadd,
- għandu jiddispjaċina għad-dnubiet li għamilna
- għandna ninbidlu għall-ħajja aħjar.

Tfal, ir-Randan idum erbgħin jum. L-istess ammont ta' ġranet kemm kien dam Ġesu fid-deżert. Wara dawn l-erbgħin jum, il-Knisja tiċċelebra l-festa kbira tal-**Għid il-Kbir**.

Tfal, minbarra s-sawm ħafna nies u anke' tfal jagħmlu sagrifiċċju bħala tpatttija ta' kemm bata Ġesu' biex isalvana. Tkun ħaġa sabiħa jekk tagħmlu xi sagrifiċċju żgħir bħal: tnaqqsu mill-ġlied minn ma' ħutkom, tgħinu lill-anzjani, tobdu aktar lill-ġenituri, tilagħbu ma' min m'għandux ħbie, u aktar. Ċerta li Ġesu' jkun qed jieħu ħafna gost bikom u r-Randan ikollu differenti għalikom.

**A qta' kull K u O li ssib biex issir taf x'messaġġ hemm:**

K F K K I R R A O N D O O A N N K U R O O I K K L I O O

J K O I D O D K K I S P O K O J A Ċ I N O K I O K M O I K N O O N

O O D K N U K O B I E T K I K O B I L O O L I K O K N A G O K K Ħ M O E

L X K I O S A G K O R I F I Ċ K O Ċ J K U

________________________________________

________________________________________

________________________________________

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

# FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## ***Nsiru nafu tassew lil xulxin...***

Kieku kellna ngħoddu n-nies kollha li ngħidu li nafu probabbli l-lista tagħna tkun twila ħafna: nies li nafu fuq ix-xogħol; dawk li nafu għax joqogħdu fl-istess lokalita' tagħna; dawk li nafu għax trabbejna fl -istess triq magħhom; dawk li nafu għax uliedna jmorru fl-istess skola; dawk li nafu għax niltaqgħu magħhom fil-postijiet tad-divertiment jew għax qed nagħmlu xi kors edukattiv flimkien u l-lista tkompli sejra.

Li hu nteressanti hu li r-riċerka turi li madankollu ftit huma dawk il-individwi li aħna nafdaw tassew illi magħhom inħossuna komdi li nuru aħna tassew min aħna; aħna x'jinkwetana, aħna x'emozzjonijiet għandna, u saħansitra nkunu sinċieri magħhom dwar kif inħossuna fuq ħwejjeġ li huma mportanti għalina. Fi kliem ieħor il-lista ta' dawk in-nies illi tassew jafuna u aħna tassew nafuhom hija ħafna iqsar mill-lista li semmejt fl-ewwel paragrafu.

Anzi hawn ħafna psikologi illi jgħidu li fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu llum qed jiżdiedu dawk l-individwi li jħossuhom weħidhom, u dan mhux qed jirreferi biss għal dawk l-individwi li jkunu qed jgħixu weħidhom, iżda wkoll għal diversi ndividwi li għalkemm ikunu qed j għixu ma' oħrajn, per eżempju f'familja, xorta jħossuhom weħidhom. Din hi xi ħaġa li hi ferm inkwetanti – fil-waqt li wieħed jasal biex jaċċetta li min ikun jgħix għar-rasu jista' jkun li jikbirlu ċ-ċans li jkun hemm mumenti li jbati minn solitudni, wieħed ma jistenniex li anki persuni fi ħdan familja jħossuhom weħidhom. Iżda għalkemm kerha, din hija realta' ta' żminijietna!

Dawn il-psikologi jgħidu illi ħafna problemi li minħabba fihom diversi ndividwi jħossu l-bżonn li jirrikorru għas-servizz tagħhom huwa riżultat tal-fatt illi m'għandhomx ma' min jitkellmu dwar dak li jkun qed idejjaqhom jew jinkwethom – fi kliem ieħor m'għandhomx ma' min jiftħu qalbhom!

U għalhekk jispiċċaw iħallsu l-flus sabiex ikollhom lil xi ħadd li qed juri interess fihom u jismagħhom! Ovjament nixtieq nenfasizza illi hemm diversi każijiet fejn ikun important li wieħed jirreferi għal għajnuna mingħand psikologu, u hemm ħafna sitwazzjonijiet fejn din l-għajnuna professjonali tkun meħtieġa. Meta jiġri hekk huwa mportanti ħafna li wieħed ifittex din it-tip t'għajnuna. Iżda mill-banda l-oħra tkun tassew ħ asra illi wieħed imur għand psikologu sempliċiment għax m'għandux relazzjonijiet b'saħħithom u persuni li jista' jafda fil-ħajja tiegħu.

Nixtieq li għal-lum nieqaf hawnhekk sabiex inħallikom tirriflettu ftit dwar kif dan li ktibt hawn fuq japplika għal ħajja tagħkom. Tajjeb li nistaqsu lilna nfusna dawn il-mistoqsijiet:



- Jien kemm inħoss li nafhom tassew lill-membri l-oħra tal-familja tiegħi? Kemm naf il dawk minnhom li jgħixu miegħi taħt l-istess saqaf, u dawk li m'għadhomx jgħixu miegħi? (bħal per eżempju ħutna). Iħossuhom komdi jiftħu qalbhom miegħi dwar dawk il-ħwejjeġ li jinkwetawhom?
- U lili huma kemm jafuni? Jiena nħoss li fil-ħajja tiegħi għandi persuni illi jaċċettawni kif jien, u li magħhom nista' nafda dak li jien fil-ġewwieni tiegħi?

Ix-xahar li ġej inkomplu nitkellmu dwar dan is-suġġett u naraw ukoll x'nistgħu nagħmlu biex nibnu relazzjonijiet b'saħħithom u li jkollhom tifsira kbira f'ħajjitna.


Daytrip: Krakow - Polonja

13 ta' Marzu 2010

Prezz: Kbar €325 Tfal taħt it-12-il sena: €285

Aktar dettalji mingħand il-Kappillan

Tħallux għall-aħħar

# TAJJEB TKUN TAF

Vista Pastorali ta' Mons Arċisqof Pawl Cremona OP fil-Parroċċa tagħna mil-20 ta' Frar sas 26 ta' Frar. Il-presenza tagħkom hija importanti f'dan l-avveniment tant sabiħ fil-Parroċċa tagħna. Dettalji f'fuljett li għandkom apposta għal din l-okkazjoni.

## Marzu Ezerċizzji

**Miżżewġin: Mit-Tnejn 1 ta' Marzu sal-Gimgħa 5 ta'Marzu fis-7.00pm. Jipriedka P Joe Buttigieg OFM Cap.**

**Tfal: Mit-Tnejn 1 ta' Marzu sal-Gimgħa 5 ta' Marzu. Ħin fl-4.30pm Fis-sala ta' fejn il-bitħa. Jipriedka P. Donald M. Bellizzi Ofm Conv Kappillan.**

**Kulħadd: Mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu, waqt il-Quddiesa ta' filgħaxija. Jipriedka P. Antoine Apap Ofm. Conv.**

**Żgħażagħ: Dettalji lżjed tard**

## *Visti fid-djar tal-Parroċċa:*



Wara li tkellimt mal-Kummisjoni Djakonija u mal-Patrijiet, din is-sena matul ir-Randan sejrin nżuru d-djar u fl-istess ħin inbierku u għal min ikun irid jsiru konsagrazzjonijiet lill-persuni u familji ta' kull dar. Dan sejjer issir biex jiena jkolli iżjed ħin nitkellem mal-membri tal-familja. It-Toroq li intgħażlu huma l-Insolja u l-parti l-ġdida fejn hemm il-flats tal-gvern triq l-Insolja u Triq Patri Wistin Magro. Kull dar sejra tkun infurmata mill-membri tal-Kummisjoni Djakonija meta jiena inkun sejjer. Jiena ħa niġi għandkom b'qalbi miftuħa u lest li nismgħakom u fl-istess ħin nagħmlu kuraġġ lil xulxin biex inkomplu ngħixu l-Vanġelu. Nieħu pjaċir li insib il-familja qeda' tistennieni jekk aħna nemmnu verament fl-imħabba ta' Alla fil-ħajja tagħna. Dan huwa mument ieħor ta' grazzja fil-ħajja